**ĊIRKULARI**

**Data:** **25 ta' Frar 2020** **Ref: DDLTS 6/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur, Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **Ġbir mill-iskejjel tat-teblits li nbiddlu minħabba ħsara 16-27 ta' Marzu 2020**

---

Il-Kapijiet tal-Iskejjel huma mgħarrfa li t-teblits li nbiddlu minħabba xi ħsara se jinġabru mill-iskejjel bejn is-16 u s-27 ta' Marzu 2020.

Avantis se tikkomunika ma' kull skola d-data preċiża tal-ġbir. Ġentilment mitlub/a biex tqiegħed it-teblits li nbiddlu minħabba ħsara f'kaxxa magħluqa u ssiġillata bit-tejp. Jekk jogħġbok sib tabella ma' din iċ-ċirkulari sabiex timla xi dettalji bħall-isem tal-iskola, in-numru ta' kaxxi u n-numru ta' teblits f ' kull kaxxa. Dawn it-tabelli għandhom jitwaħħlu ma' kull kaxxa. Aħna napprezzaw jekk tkun tista' tipprovdi lill-persuna li se jiġbor it-teblits mill-iskola bin-numri tal-inventarju tat-teblits li se jinġabru.

Se jinġabru biss it-teblits li nbiddlu minħabba ħsara u mhux basktijiet jew aċċessorji oħra għax dawn tal-aħħar jistgħu jintremew mill-iskola stess.

Ġentilment infakkrek dwar il-proċedura adottata fis-snin li għaddew biex taġġorna l-AUP tat-teblits li jinbidlu. Dawn it- teblits għandhom jiġu rreġistrati fuq l-inventarju onlajn tal-iskola.

Jekk għandek xi mistoqsija dwar dan it-tagħrif li wassalnielek kellimna fuq digital-literacy@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni u l-koperazzjoni tiegħek.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**